# FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 28 ta' Gunju, 2002.**

**Kawza Numru: 7**

**Citaz. Nru. 939/97 GV/6**

Doc 268-02

**Marisa Bartolo**

**vs**

**Carm Lino Farrugia f'ismu proprju w ghan-nom w in rappresentanza ta' l-ghaqda Kaccaturi Nassaba Konservazzjonisti**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi l-Ghaqda konvenuta "L-Ghaqda Kaccaturi Nassaba Konservazzjonisti" harget stqarrija datata d-19 ta' Dicembru, 1996, hawn ezebita u mmarkata Dokument A u ffirmata mill-konvenut Carm Lino Farrugia liema stqarrija ghandu silta li tghid:

"*L-Ghaqda Kaccatturi Nassaba Konservazzjonisti tixtieq tifrah pubblikament lil Marisa Bartolo (WPS 45) ghas-success taghha fl-ahhar*

*“Fur & Feather Show” fejn akkwistat il-maggor parti tal-premjijiet bl-ghasafar li ressqet ghall-wirja.*”

*Fl-istess hin l-Ghaqda tikkundanna wkoll pubblikament il-fatt li mijiet ta’ ghasafar ta’ l-ghana li gew kkonfiskati mill-istess WPS 45 qatt ma gew irritornati lura lil sidhom minkejja li l-istess Nassaba gew ezonerati mill-Qrati ta’ pajjizna. L-ghasafar qatt ma nstabu gol-mahzen tas-settur relattiv tad-Dipartiment ta’ l-Ambjent. Il-kumpens lin-nassaba kien hafna drabi wiehed ta’ flus il-poplu.*

*L-Ghaqda dejjem imxiet b’mizien wiehed.*”

Premess illi din l-istqarrija giet imqassma lill-gazzetti u xi mezzi ta’ xandir u fil-fatt inqrat fl-ahbarijiet tas-Super 1 Television;

Premess illi dawn il-kliem sia fl-assjem taghhom sia separatament, huma ingurjuzi, libelluzi u malafamati ghar-reputazzjoni ta’ l-attrici u jikkawzawlha danni, in kwantu fost affarijiet ohra jattribwilha fatti determinanti bl-iskop li joffendu l-unur u r-reputazzjoni taghha u bl-iskop li jwaqqaghha ghad-disprezz tal-pubbliku, in kwantu jinsinwaw fost affarijiet ohra li b’xi mod kienet responsabbli ghall-fatti illi l-ghasafar li gew konfiskati qatt ma nstabu gol-mahzen tas-settur relattiv tad-Dipartiment ta’ l-Ambjent.

Premess illi konsegwentament l-istanti bhala parti offiza ghandha dritt ghad-danni kif kontemplati fl-Att dwar l-Istampa (Kap 248 tal-Ligijiet ta’ Malta);

Ghaldaqstant l-attrici talbet lil din il-Qorti biex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi billi l-konvenuti proprio et nomine taw malafama lill-attrici bl-istampat irreferit sia fl-assjem tieghu, sia

separatament, bil-ghan li jtellfu jew inaqqsu r-reputazzjoni taghha u jwaqqghu ghad-disprezz tal-pubbliku;

2. Tikkundanna konsegwentament lill-konvenuti proprio et nomine flimkien jew min minnhom ihallsu lill-attrici dawk id-danni li jigu minn din il-Qorti likwidati ghal dan l-iskop u dan ghat-tenur tal-Kap 248 ta' l-Edizzjoni Riveduta tal-Ligijiet ta' Malta;

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenuti proprio et nomine li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attrici a fol. 3 u 4 tal-process;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Carm Lino Farrugia a fol. 23 tal-process fejn eccepixxa:

Illi in linea preliminmari, l-azzjoni attrici migjuba fil-konfront ta' l-eccipjenti hija preskritta ai termini ta' l-Artikolu 32 tal-Kapitolu 248 tal-Ligi dwar l-Istampa u ta' l-Artikolu 2131 tal-Kodici Civili;

Illi ulterjorment, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, u wkoll in linea preliminari, din il-kawza ghandha titqies bhala dezerta ai termini ta' l-Artikolu 963 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Illi ulterjorment u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-azzjoni attrici fil-konfront ta' l-Ghaqda Kaccaturi Nassaba Konservazzjonisti, hija improponibbli in kwantu din l-Ghaqda llum hija maghrufa bhala l-Federazzjoni Kaccaturi Nassaba Konservazzjonisti;

Illi inoltre, l-eccipjenti ma ghandux ir-rapprezentanza legali u gudizzjarja ta' l-imsemmija Federazzjoni;

Illi fil-mertu, u minghajr pregudizzju ghall-fuq premess, l-istqarrija *de quo* tikkontjeni biss fatti ta' nteress pubbliku generali, u l-eccipjenti huwa lest li jipprova l-verita' ta' l-istess fatti, kemm fis-sostanza kif ukoll fil-fatt;

Illi jsegwi ghalhekk illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti, bl-ispejjez kontra l-attrici;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-decizjoni preliminari taghha a fol. 38 li biha giet michuda l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet lill Avukat tal-konvenut jittratta t-tieni eccezzjoni;

Rat li ma saret ebda nota ta' sottomissjonijiet mill-attrici;

Rat li ma saret ebda talba ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza;

**KONSIDERAZZJONIJIET LEGALI**

Id-digriet ta' dezerzjoni jista' jinghata fit-termini ta' l-artikolu 963 tal-Kap 12 kif emendat, li jitratta dwar "l-eghluq tal-procedura bil-miktub" u ghandu allura jigi bi precizjoni definit f'liema mument ghandu jitqies li l-proceduri bil-miktub quddiem l-ewwel Qorti gew maghluqa.

Dan l-artikolu jiddisponi illi f'kull kawza il-procedura bil-miktub ghandha titqies li tigi maghluqa fil-Qorti ta' l-ewwel grad fi zmien perentorju ta' sitt xhur u fil-Qorti fi grad ta' l-appell fi zmien perentorju ta' sena - 963(1).

Skond is-subinciz 2 ta' l-istess artikolu, fil-Qorti ta' l-ewwel grad li hu l-kaz taht ezami, iz-zmien jibda ghaddej minn dak-in-nhar tal-prezentata tac-citazzjoni.

Id-dekors tat-terminu ghall-fini ta' dezerzjoni tal-kawzi skond l-artikolu 963 hu marbut biss mat-terminu stabbilit ghan-nota tal-eccezzjonijiet kif dispost fis-subinciz 12 ta' l-Artikolu 158. Dan jiddisponi espressament illi mal-prezentata tan-nota ta' l-eccezzjonijiet jew malli jaghlaq iz-zmien stabbilit fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu (li jistabilixxi terminu ta' ghoxrin jum mid-data tan-notifika) l-proceduri bil-miktub preliminari ghandhom jitqiesu li huma maghluqa….. Ic-cirkostanzi li jaghtu lok ghad-dezerzjoni taht dan l-artikolu jridu jkunu avveraw ruhhom fil-mument meta l-konvenut ikun bil-ligi obbligat li jipprezenta n-nota ta' l-eccezzjonijiet (Ara sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tas-7 ta' Lulju, 1998 fl-ismijiet G. Papagiorcopulo vs Jimmy Magro et).

Tikkunsidra

Illi fil-kaz in ezami c-citazzjoni giet prezentata fit-28 ta' April, 1997 u giet appuntata biss fit-30 ta' April, 1998. Sa dakinhar l-attrici ma kellha ebda kontrol fuq dak li gara billi l-atti kienu ghadhom f'idejn l-amministrazzjoni (Ara sentenza Dr. T. Azzopardi vs V. Aquilina PA GCD 5.11.99). Meta giet appuntata l-kawza kien sar attentat biex jigu notifikati l-konvenuti izda b'ezitu negattiv. In segwitu kien hemm okkazzjonijiet meta l-attrici pprovat tinnotifika lill konvenuti izda ma rnexxiliex u okkazzjonijiet ohra meta lanqas biss ghamlet attentat biex tinnotifikahom. Il-kawza kienet intbaghtet darba sine die u darba ohra giet kancellata. Izda l-aktar importanti pero' biex tigi deciza dina l-eccezzjoni hu l-fatt li ghall perjodu ta' 14 il-xahar cioe' mis-7 ta' Jannar, 1999 sas-27 ta' Marzu, 2000 ma sar ebda attentat biex il-konvenuti jigu notifikati u ghalhekk is-sitt xhur prevvisti fl-artikolu 963 u anke il-perjodi l-ohra msemmija fl-artikoli 963(5)(a); 964(1) u (3) u 965 (a) kollha ghaddew, u ghalhekk il-

proceduri bil-miktub ma gewx maghluqa fiz-zmien stipulat fl-artikolu 963 u l-artikoli l-ohra imsemmija u l-azzjoni ghandha titqies bhala dezerta.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi tilqa' t-tieni eccezzjoni tal-konvenuti u tiddikjara l-kawza dezerta fit-termini tal-artikolu 963 tal-Kap. 12; spejjez ghall attrici.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D**

**Frankie Mercieca**
**Deputat Registratur.**